MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta’ Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Hamza El Kaddouri**
**(Karta tal-identita Franciza 160545201591)**

Il-Qorti;

Rat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Hamza El Kaddouri** talli nhar l-4 ta’ Frar 2017 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu (01.00a.m.) f’dawn il-Gzejjer:-

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Victoria Soler (Artikolu 207 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Victoria Soler sabiex jingurjaha jew idejjaqha jew jaghmlilha l-hsara (Artikolu 339 (1)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f`kaz ta’ htija tipprovdi ghall-garanzija ta’ Victoria Soler skont l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 207 u 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Hamza El Kaddouri hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) xhur mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur